MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. APAP BOLOGNA JOSEPH A. B.A., LL.D.

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 550/2002

**Michael Debono Limited**

**vs**

**Harry u Jeanette konjugi Van Reeven**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talbiet tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' (Lm2381) elfejn u tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin, import ta' sett ta' sittax (16)-il kambjala li skadew rappresentanti ammont dovut lis-socjeta attrici ghal prezz ta' vettura tal-ghamla Toyota Yaris numru ta' registrazzjoni MCP 001.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-Ittra Legali tal-11 ta' April 2002 u tal-Mandat ta' Qbid ippresentat mal-avviz u bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala relattiva kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat li, ma dawn l-atti, ma gewx annessi l-kambjalijiet in kwistjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fis-16 ta' Ottubru 2002 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2381.00,0 bl-imghax legali mis-16 ta' Settembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali tal-11 ta' April 2002 u tal-mandat kawtelatorju ta' qbid tas-16 ta' Settembru 2002, imsemmi fl-istess avviz.

Rachel Mercieca
Deputat Registratur